TARXIEN

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

## Minuti Laqgħa Nru. 24/06

* Il- laqgħa Nru 24/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar il-Ħamis 18 ta' Novembru 2010 fis-5.45pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien. — Data u hin

** Preżenti għal-Laqgħa:

| | |
|---|---|
| Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ | Sindku |
| Is-Sur F. Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsilliera |
| Is-Sur K. Darmanin | Kunsillier |
| Is-Sur I. Dalli | Kunsillier |
| Is-Sur M. L. Mallia | Segr. Eżekuttiv |

Is-Sinj. L. Bonavia u C. Lanzon kienu skużati.

*** Is-Sindku qal li l-Kunsillieri s-Sur L. Bonavia u s-Sinj. C. Lanzon infurmaw lis-Segr. Eżekuttiv li jinsabu indisposti u għaldaqstant m'humiex f'pożizzjoni ta' saħħa biex jattendu għal-laqgħa.

Il-Kunsill aċċetta r-raġunijiet validi tagħhom u li m'għandomx jitqiesu li huma fallew, għall-finijiet tal-Liġi.

**** Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.

## 1.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 23/06 (14/10/2010)

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 23/06 tal-14/10/10 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

**1.2** Il-Kunsill approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 2.0 Komunikazzjoni mis-Sindku

**2.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-rapport SEAP issa ġie mtella' *online* kif mitlub mill-Patt tas-Sindki. SEAP

**2.2** Is-Sindku qal li l-apparat għal Ġnien Ovindoli għadu ma twaħħalx minn Nexos wara li ġie mgħoddi lilhom mill-Kunsill. Ġnien Ovindoli

**2.3** Dwar il-problema tal-iskart, is-Sindku qal li jidher s'issa ma nqalgħux iżjed ilmenti, lanqas mill-kuntrattur. Skart

2.3.1 Is-Sinj. D. Vella ilmentat li r-*Rainbows* għadhom qed joħorġu l-iskart tagħhom anke' nhar ta' Tlieta li jibqa' ma jinġabarx sal-għada l-Erbgħa; dan ukoll wara li ntbagħatitilhom ittra ta' twissija mill-Kunsill.

2.3.2 Ser terġa' tintbgħatilhom twissija oħra kif ukoll biex iwaħħlu lqugħ adekwat fuq ir-rampa kif mitlub lilhom mill-MEPA u Transport Malta.

2.3.3 Għall-kummenti tas-Sur I. Dalli, is-Sindku qal li l-Wardens ma jistgħux iħarrku dwar skart. Kompla jgħid li bħala President tal-Kumitat Reġjonali qed jitlob li għallinqas jiġi allokat Eco *Warden* wieħed f'kull lokalita' għal dan l-iskop.

2.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill li twaħħlu t-tabelli fejn hemm il-B.I.S. Jidher li l-iskart mitfugħ fl-art ħdejn il-kontenituri qed jonqos.

2.3.5 Is-Sindku qal li GreenPak qassmu xi basktijiet b'affarijiet tal-ikel fihom waqt spezzjoni li għamlu f'xi toroq bħala inċentiv għal dawk li qed jikkoperaw u jagħżlu l-iskart għall-ġbir nhar ta' Tlieta.

2.3.6 Is-Sindku qal li GreenPak bagħtu "Collaboration Agreement" biex jiġi ffirmat mill-Kunsill. Għal iżjed spjegazzjoni dwar dan il-ftehim ser niltaqgħu mar-rappreżentant ta' GreenPak.

**2.4** Il-Kunsill reġa' ddiskuta fit-tul it-talba għal '*Reduced Hours'* u l-possibilta' li l-Kunsill ser jispiċċa bi problemi minħabba li mhux ser ikollu '*full compliment'* ta' mpjegati għaliex ħadd minn tlieta mhu ser ikun impjegat 'full time'. Reduced Hours

2.4.1 Wara li qies id-diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu f'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-Kunsill qabel li jirrevedi din il-konċessjoni fuq bażi ta' prova għal sitt xhur; konċessjonijiet bħal dawn għandhom japplikaw l-istess għall-impjegati kollha. Il-linji gwida kif imfassla mill-Kunsill u approvati mir-rappreżentant tal-UHM għandhom jiġu osservati.

2.4.2 Il-Kunsill iddeċieda wkoll li f'każ li jkun hemm problemi, tfixkil jew konflitti fl-attendenza għax-xogħol jew fl-operat tal-Kunsill b'riżultat ta' dan, din il-konċessjoni tiġi mwaqqfa immedjatament.

**2.5** L-attivita' Tarxien Dance Festival saret fil-Gondolier u kienet suċċess. Attivita'

**2.6** Is-Sindku qal li għad ma rċevejna ebda risposta dwar fondi għall-Malta Int. Folk. Festival. Malta Int. Folk Festival

2.6.1 Qal ukoll li għandna l-permess tal-Kap tal-Iskola Governattiva sabiex din l-attivita' issir fis-Sala tal-Iskola.

**2.7** Is-Sindku qal li intbagħtet l-ittra legali lill-Perit D. Falzon u ltqajna miegħu biex lesta d-dokumenti li kien għad baqa' pendenti. Perit D. Falzon

**2.8** Il-Kunsill iddiskuta is-sitwazzjoni ta' meta ser jirtira s-Segr. Eżekuttiv. Irrefera wkoll għall-ittra li ntbagħtet lid-Dipt. Gvern Lokali u ċċirkulata lill-Kunsillieri kollha. Irtirar mis-Segr. Ezek.

2.8.1 Il-Kunsill iddiskuta wkoll li ser tinħoloq problema minħabba li, għalkemm ħarġet sejħa ġdida għall-*Pooling* ta' Segretarji Eżekuttivi, applikaw biss 2. Is-Segretarju Eżekuttiv ser joħroġ bil-*leave* mill-1 ta' Jannar 2011.

2.8.2 Is-Sindku qal li ser jitkellem ma' Dr. Chris Said dwar din il-problema.

2.8.3 Is-Segr. Eżekuttiv qal li jiddispjaċih li intortament sab ruħu f'din is-sitwazzjoni li ser tirrifletti fi problemi għal dan il-Kunsill Lokali.

**2.9** Dwar il-proġett ta' Triq Birbixkilla, is-Sindku qal li qed nistennew il-permessi tal-MEPA. Triq Birbixkilla

**2.10** Il-bilanċ ta €3388.46 bħala UIF għall-proġett ta' Kalamija issa ġie mħallas mill-MEPA. UIF - Kalamija

**2.11** Is-Sindku qal li l-lanterna l-oħra ordnata għal Sqaq Brittaniku 1 issa waslet u ser titwaħħal. Sqaq Brittaniku

**2.12** Is-Sindku żied jgħid li fid-29 ta' dan ix-xahar ser niffirmaw il-kuntratt għall-fondi UIF għall-proġett ta' Sqaq Brittaniku. UIF – Sqaq Brittaniku

**2.13** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li applikajna għall-fondi għall-tisbiħ ta' xelter, iltqajna għand il-MEUSAC, is-Sindku, is-Segr. Eżekuttiv u l-Perit Chris Mintoff bħala laqgħa preliminari. ERDF - Xelter

2.13.1 Kompla jgħid li erġajna ltqajna fl-10 ta' Novembru flimkien mal-Kunsilli l-oħra li applikaw magħna li l-MEUSAC qed titlob biex inkunu bħala grupp: Sliema, Safi, Qrendi, Żurrieq Kum. Amm u Kirkop.

2.13.2 Minn din il-laqgħa rriżulta li l-Kunsill Lokali Sliema u Qrendi la għandhom devoluzzjoni u lanqas applikazzjoni mill-MEPA, il-Kunsill Lokali Safi u Żurrieq m'għandhomx devoluzzjoni imma applikaw lill-MEPA, filwaqt li l-Kunsill Lokali Kirkop għandu 'guardianship deed' imma m'għandux 'site-plans'.

2.13.3 Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien għandu d-dokumenti kollha tal-'guardianship deed' u applika lill-MEPA.

2.13.4 Is-Sindku qal li dan ser jirriżulta li l-Kunsill Lokali Tarxien ser ikun qed japplika waħdu għal dawn il-fondi minħabba li l-MEUSAC qed tesiġi li sal-aħħar ta' dan ix-xahar il-Kunsilli Lokali involuti irid ikollhom lesti id-devoluzzjoni jew il-Guardianship Deed flimkien mal-applikazzjoni lill-MEPA. Skont l-esperjenza li għandna dan ser ikun impossibbli.

**2.14** Is-Sindku irringrazzja lis-Sur L. Bonavia għas-servizz li ta volontarjament fit-tilqim kontra l-influwenza. Tilqim

**2.15** Dwar il-ħsara fit-*turf* tal-*ground*, is-Sindku qal li erġajna ktibna lis-Sur D. Mizzi biex jieħu azzjoni u jirrimedja, imma lanqas wieġeb. Turf tal-ground

2.15.1 Kompla jgħid li ser ikellmu personalment.

**2.16** Is-Sindku qal li wara li ntbagħtet ittra legali lil Frans Brincat dwar kummenti malafamati fuq il-*facebook* fil-konfront tas-Sindku, is-Sur Brincat skuża ruħu. Każ F. Brincat

**2.17** Il-Viċi Sindku qal li ma ltaqax ma' iżjed kummenti malafamati fil-konfront tiegħu fuq il-*facebook*. Każ V. Sindku

**2.18** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill dwar *Public Private Partnership* fuq toroq ġiet milqugħa, u l-Kunsill ser jingħata fondi skont Memo 45/2010 għall-ewwel prijorita' ta' toroq. PPP

2.18.1 Kompla jgħid li s-Segr. Eżekuttiv qed jipprepara s-sejħa għall-offertti inkluż dik li trid tidher *online* fuq EU Journal.

2.18.2 Sadanittant tlabna lid-Dipt. Gvern Lokali biex jindikalna kemm għandha tkun il-Bid Bond u dwar xi osservazzjonijiet li hemm fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Din il-korrispondenza ġiet iċċirkulata lill-Kunsillieri kollha.

2.18.3 Id-Dipt. Gvern Lokali għad ma weġibx.

2.18.4 Is-Sindku qal ukoll li dan il-proġett ser ikun responsabbli minnu l-Perit Chris Mintoff.

2.18.5 Ix-xogħol hu maħsub li jinbeda għall-Marzu 2011 wara li jittieħed iż-żmien għall-proċess tal-offerti.

**2.19** Transport Malta talbuna nikkonfermaw li dawn it-toroq imsemmija qatt ma ġew mibnija: Alfier De Medran, Bir Għeliem, Dun Ġwann Calleja, Dun Ġużepp Gonzi u l-Qalgħa. TM dwar toroq

2.19.1 Is-Sindku qal li weġibna li ma dawn għandhom jiżdiedu wkoll it-toroq: Palma, B'Buga u Żejtun skont il-Lista ta' Bini ta' Toroq Residenzjali 2006 – 2008, li baqgħu ma sarux.

**2.20** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li d-Dipt. Tad-Drenaġġi (WSC) immarkaw bi sfreġju b' żebgħa *flourescent* fuq il-pavimentar ta' Ġnien Ovindoli. Dwar dan ipprotestajna mal-WSC permezz ta' ittra. Sfreġju mid-Dipt. Drenaġġi

2.20.1 Dan l-immarkar kien minħabba li l-WSC qed tgħid li hemm ibblukkar fis-sistema tad-drenaġġ, meta fejn immarkaw kulma għaddej hu *pipe* tal-PVC. Tlabnihom biex niltaqgħu fuq il-post u jnaddfu wkoll iż-żebgħa.

**2.21** Is-Sindku qal li applikajna għall-Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malta 2010. Ġieh Artiġjanat Malta

**2.22** Is-Sindku qal li għandna talba mid-Dipartiment Gvern Lokali biex nagħtu ġustifikazzjoni għal xi *direct orders* (Memo 91/2010) li qabbżu l-valur stipulat bil-Liġi. Direct Order

2.22.1 Qal li ser inwieġbu skont kif imwieġeb fil-*Management Letter*.

**2.23** Is-Sindku rrefera għas-sejħa ta' TCTC għal korsijiet ta' Learn It u Learn Web għal ħlas ta' €1100 għal 85 parteċipant Tarxiniż. TCTC

Il-Kunsill approva li jsiru dawn il-korsijiet.

2.23.1 Dwar il-proposta l-oħra għal korsijiet ECDL il-Kunsill ma jaqbilx li jingħataw 3 modules biss minn 7 għall-50 parteċipant.

2.23.2 Il-Kunsill qed jipproponi li jingħataw is-7 modules kollha għal 20 persuna għal ħlas ta' €1100.

2.23.3 Il-Kunsill qed jitlob ukoll lit-TCTC biex jipprovdi l-airconditioner li kellu jinstalla fiċ-Ċentru Komunitarju skont il-kuntratt preċedenti.

**2.24** Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel nem. con, biex isir pavimentar ta' Sqaq Nru 1 fi Triq Santa Marija b'materjal imħallat b'disinn fil-ġnub. L-isqaq għandu jiġi livellat minħabba l-ħafna ilma tax-xita li jżomm. Pavimentar ta Sqaq 1 Santa Marija

2.24.1 Is-Sur I. Dalli irrakkomanda biex il-pavimentar ikun skur minħabba li fl-isqaq jidħlu l-karozzi.

2.24.2 Is-Sindku wieġeb li hekk hu l-ħsieb tiegħu.

2.24.3 Dan ix-xogħol ser isir skont it-Tender ta' Tisbiħ ta' Sqaqien u Spazji Miftuħa (TLC 219/2010/T101) li hu kuntratt perjodiku.

2.24.4 Ser nitolbu lill-Perit joħroġ stima tal-proġett.

**2.25** Is-Sindku issuġġerixxa u l-Kunsill qabel nem. con. biex jinqalgħu u jinbnew mill-ġdid il-bankina ta' Triq Luqa minn k/m Triq l-Annunzjata sar-Roundabout, il-bankina ta' Triq l-Iskola 'l fuq minn Peppi Primavera, u parti mill-bankina ħdejn Ġnien Joanne. Bankina Triq Luqa

2.25.1 Ser niċċekkjaw jekk it-tender tal-pavimentar tal-isqaqien tapplikax għal dan ix-xogħol. Filkaż noħorġu tender għall-bankini.

## 3.0 Affarijiet Finanzjarji

**3.1** Il-Kunsill approva nem. con. l-iskeda ta' pagamenti dovuti għall-servizzi u materjal li tammonta għall-€40,676.32 li ġiet iffirmata mis-Sindku (App. '1').

3.1.1 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku is-Segr. Eżekuttiv wieġeb li saru l-pagamenti approvati fil-laqgħa preċedenti minbarra dawk indikati.

**3.2** Il-Kunsill approva nem. con. rifużjoni ta' € 34.40 lis- Segr. Eżek minħabba l-użu tal-karozza tiegħu fuq xogħol tal-Kunsill matul Ottubru u Novembru.

**3.3** Is-Sindku qal li rċevejna €1000 bħala fondi għall-attivitajiet kulturali "Malta Int-Folk Festival 2009".

## 4.0 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart – Lulju – Settembru 2010.

**4.1** Il-Kunsill approva nem. con. ir-Rapport Finanzjarju ta' kull kwart bejn Lulju u Settembru 2010 li ġie iċċirkulat minn qabel lill-Kunsillieri kollha (App 2.7). Ir-rapport ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segr. Eżekuttiv u ser jintbgħat lid-Dipartiment Gvern Lokali u lil NSO kif ukoll li jittella' *online*.

## 5.0 Premju Żagħżugħ Tarxiniż

**5.1** Il-Kunsill approva nem. con. li għall-bidu tas-sena d-dieħla ser jerġa' jiġi mniedi l-Premju Żagħżugħ Tarxiniż, skont il-proċeduri diġa' stabbiliti.

5.1.1 In-nominazzjonijiet jintlaqgħu sal-Ġimgħa 28 ta' Jannar 2011. L-għażla tar-rebbiegħ issir mill-Bord ta' l-Għażla Ad Hoc fit-8 ta' Frar 2011.

## 6.0 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri

**6.1 Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella**

6.1.1 Is-Sinj. D. Vella qalet li nhar il-Ħamis li għadda għamlet l-attivita' tas-Sotto Kumitat tagħha li fiha saret ukoll taħdita mill-Kunsillier I. Dalli dwar l-osteoporosis.

6.1.2 Qalet ukoll li għal żmien l-Milied ser torganizza attivita' biex it-tfal jittieħdu jaraw film.

6.1.3 Żiedet tgħid li għal Jannar li ġej ser torganizza żjara lill-President ta' Malta.

*(Is. Sinj. D. Vella kienet skużata mil-laqgħa fis-7.35pm).*

**6.2 Rapport mill-Kunsillier I. Dalli**

6.2.1 Is-Sur I. Dalli qal li għamel taħdita fuq is-saħħa personali waqt attivita tas-Sinj. D. Vella.

6.2.2 Qal ukoll li għadu qed jikkomunika ma' GreenPak dwar ġbir ta' skart elettroniku.

**6.3 Rapport mill-Kunsillier K. Darmanin**

6.3.1 Is-Sur K. Darmanin qal li għamel il-laqgħat għar-residenti ta' żoni 8, 9 u 10 dwar in-Neighbourhood Watch. Kompla jgħid li intgħażel il-kordinatur għal kull żona.

6.3.2 Minħabba li fl-aħħar tal-ġimgħa kellu jsir id-Derby tal-Football, għamel laqgħa mal-Pulizija tad-Distrett dwar iż-żamma tal-Ordni Pubblika għal dak inhar.

6.3.3 Is-Sur Darmanin qal li hu flimkien ma' D. Mercieca telgħu Għawdex dwar il-Premju Żagħżugħ tas-Sena.

6.3.4 Qal li t-tournament tal-football sar u ta rendikont tiegħu.

6.3.5 Qal li l-Pulizija qed jagħmlu rondi regolari fir-raħal.

6.3.5.1 Is-Sindku talbu jinforma lill-Pulizija dwar skassar ta' numru ta' garaxxijiet fit-triq prinċipali minn Triq Santa Marija sa Triq Palma.

**6.4 Rapport mis-Sindku P. Farrugia**

**6.4.1** Is-Sindku ta rendikont ta' l-aħħar ħarġa għall-anzjani. Dwar l-attivita' għal żmien il-Milied fejn jingħata premju Anzjan/a Tarxiniż is-Sindku qal li ser tkun bħal dik tas-snin ta' qabel.

## *7.0 Ħwejjeġ Oħra*

**7.1** Ma kienx hemm rapporti

## *8.0 Għeluq tal-Laqgħa*

**8.1** Il-laqgħa ntemmet fit-7.45pm.

**8.2** Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2010 fil-5.30pm.

**M. L. Mallia**
**Seg. Eżek.**
15/12/10

**Kav. P. Farrugia** **KLJ CMLJ**
**Sindku**

mn24-06/jg